# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-14 ta' Lulju 2016

Talba Numru: 760/15NHV
Numru fuq il-Lista: 8

**Caruana Joseph**
K.I. Nru 650352(M)
Eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "The Home Centre"

**vs**

**Calleja Ludwig**
K.I. Nru 433173(M)

**u**

**Calleja Claire**
K.I. Nru 337374(M)

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2015, li permezz tiegħu dan it-Tribunal qiegħed jiġi mitlub jikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' disa' mija u disa' euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€ 909.62):

rappreżentanti bejgħ u kunsinna ta' merkanzija lill-konvenuti jew min minnhom.

Minkejja li ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu dan l-ammont hekk dovut minnhom, il-konvenuti baqgħu inadempjenti; għaldaqstant kellha ssir din it-talba.

Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti, ippreżentata fit-30 ta' Novembru 2015, illi permezz huma eċċepew:

1. Illi huwa għadu qed jistenna li jitħallas mill-amministratur sabiex ikun jista' jaffettwa tali pagament.

2. Illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur.

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata nhar l-Erbgħa 11 ta' Mejju 2016, illi permezz tagħha is-sorte ġie ridott għall-ammont ta' €509.62 (ħames mija u disa' ewro u tnejn u sittin ċenteżmu).

Ra n-nota ta' riduzzjoni ppreżentata nhar l-20 ta' Ġunju 2016, illi permezz tagħha is-sorte ġie ridott għall-ammont ta' €259.62 (mitejn u disgħa u ħamsin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu).

Sema' lill-attur jixhed min jeddu.

Ra l-verbal tat-30 ta' Ġunju 2016, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lit-Tribunal illi sar pagament mill-konvenuti lill-attur għas-saldu tas-sorte, iżda naqsu li jilħqu ftehim dwar il-kap tal-ispejjeż u għaldaqstant il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza limitatament dwar il-kap tal-ispejjeż.

Ikkunsidra illi l-konvenuti wettqu l-pagament minnhom dovut fil-mori tal-kawża u b'mhux inqas minn 7 differimenti konċessi mit-Tribunal. Illi oltre li għamel l-ispejjeż tal-kawża, l-attur tilef ukoll ħafna ħin biex effettivament ġie mħallas għaliex huwa ħa nteress fil-kawża tiegħu u konsistement attenda quddiem it-Tribunal.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jesprimi ruħu fuq il-mertu tal-kawża, jiddeċiedi dwar l-ispejjeż tal-kawża illi dawn għandhom ikunu sopportati mill-konvenuti in solidum.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur